

48. Dikjarazzjoni dwar il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka

Il-Konferenza tinnota li, fir-rigward ta' atti legiſlattivi li jridu jiġu adottati mill-Kunsill, waħdu jew b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew, u li fihom dispożizzjonijiet applikabbli għad-Danimarka kif ukoll dispożizzjonijiet li mhumiex applikabbli għad-Danimarka għaliex għandhom bażi legali li għaliha tapplika l-Parti I tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka tiddikjara li mhix ser tuża d-dritt tal-vot tagħha sabiex timpedixxi l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumiex applikabbli għad-Danimarka.

Barra minn dan, il-Konferenza tinnota li, abbażi tad-Dikjarazzjoni tal-Konferenza dwar l-Artikolu 222, id-Danimarka tiddikjara li l-parteciġazzjoni tagħha f'azzjonijiet jew f'atti legiſlattivi skond l-Artikolu 222 ser isseħħ skond il-Parti I u l-Parti II tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka.

49. Dikjarazzjoni dwar l-Italja

Il-Konferenza tinnota li l-Protokoll dwar l-Italja, anness fl-1957 għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, kif emendat hekk kif ġie adottat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kien jiddikjara li:

"IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA

WAQT LI JIXTIEQU li jsoġu ċerti problemi partikolari relatati ma' l-Italja,

FTIEHMU fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi ma' dan it-Trattat:

L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITÀ

JIEĦDU NOTA tal-fatt li l-Gvern Taljan qed iwettaq program ta' għaxar snin ta' espansjoni ekonomika ddisinjat sabiex jirrettifika d-disekwilibri fl-istruttura ta' l-ekonomija Taljana, b'mod partikolari billi jipprovdi infrastruttura għaż-żoni inqas żviluppati fl-Italja t'isfel u fil-gżejjer Taljani u billi joħloq impjegi oħrajn sabiex jelimina l-qagħad.

IFAKKRU li l-prinċipji u l-oġettivi ta' dan il-programm tal-Gvern Taljan ġew ikkunsidrati u approvati mill-organizzazzjonijiet għall-koperazzjoni internazzjonali li tagħhom l-Istati Membru huma membri.

JIRRIKONOXXU li hu fl-interess komuni tagħhom li l-oġettivi tal-programm Taljan jitwettqu.

JIFTIEHMU, li sabiex tiġi ffaċilitata r-realizzazzjoni ta' dan ix-xogħol mill-Gvern Taljan, li jirrakkomandaw lill-istituzzjonijiet tal-Komunità li għandhom jimpjegaw il-metodi u l-proċeduri kollha provduti f'dan it-Trattat u, b'mod partikolari, jagħmlu użu xieraq tar-riżorsi tal-Bank Ewropew ta' l-Investment u tal-Fond Soċjali Ewropew.